MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 53/1992/1

Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl-interess tas-Socjeta' "C. Fino & Sons Limited", u b'nota tal-1 ta' Ottubru, 1998, l-avukat Dr. Henry Antoncich LL.D. assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Cassar Aveta .

vs

Francis Turton, u
Ludgard Gatt .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta :

Illi l-konvenut Francis Turton ordna minghand is-Socjeta' attrici kcina "Sofia" bil-prezz komplessiv ta' elf, erba' mija u tmienja u tmenin lira maltija (Lm1,488) li minnhom erba' mitt lira maltija (Lm400) gew imhallsa bhala depozitu, u

ghalhekk kien ghad baqa’ bilanc ta’ elf u tmienja u tmenin lira maltija (Lm1.088) ;

Illi l-konvenut Ludgard Gatt iggarantixxi l-hlas tal-bilanc imsemmi ta’ elf u tmienja u tmenin lira maltija (Lm1,088) ;

Illi wara li l-kcina giet konsenjata kif kien ordna l-konvenut Francis Turton, hadd mill-konvenuti ma hallas l-istess bilanc ;

Illi l-istanti nomine nterpella nutilment lill-konvneuti .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta’ elf u tmienja u tmenin lira maltija (Lm1,088) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ kcina “Sofia” ordnata u mibjugha lill-konvenut Francis Turton, u l-hlas ta’ liema gie garantit mill-konvenut Ludgard Gatt .

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji tal-21 u 29 ta’ Frar, 1992, u tat-18 ta’ Marzu, 1992, u tal-Mandat ta’ Impediment ta’ Safar kontra Persuna prezentat kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni, u bl-imghax legali mit-28 ta’ Settembru, 1991, data tal-finali konsenja ta’ l-ghamar kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine kkonfermata bil-gurament ta’ Joseph Cassar Aveta .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi Francis Turton ma ghandu xejn x’jaqsam mal-meritu ta’ din il-kawza u ghandu ghalhekk jigi liberat in kwantu l-kuntratt mal-kumpanija attrici sar unikament fl-interess ta’ u minn Ludgard Gatt, il-konvenut l-iehor ;

2. Illi fil-konfront ta’ Ludgard Gatt, imbaghad, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex l-istess konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-kumpanija attrici; anzi

ghal kuntrarju huwa kreditur kontra l-kumpannija attrici f'ammont ferm akbar minn dak pretiz mill-kumpanija attrici .

3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess kumpannija attrici .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-Kontro-talba tal-konvenuti, fejn wara li ppremettew :

Illi l-konvenut Ludgard Gatt irid jinqeda bic-citazzjoni prezentata mill-attur nomine sabiex jipprezenta l-kontro talba tieghu :

Illi Ludgard Gatt kien ordna minghand il-kumpanija attrici ghamara illi l-istess kumpannija obbligat ruhha illi tikkonsenja gewwa Ghawdex lill-istess Ludgard Gatt mhux aktar tard minn April 1991; u dan bis-sahha ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-28 ta' Jannar, 1991;

Illi minkejja l-obbligazzjoni hekk assunta minnha u minkejja l-insistenza da parti tal-istess Ludgard Gatt sabiex issir din il-konsenja, il-kumpannija attrici ghal raguni jew ohra naqset illi twettaq l-obbligu taghha u kkonsenjat din l-ghamara biss wara Lulju 1991 ;

Illi din l-ghamara kienet intiza sabiex tadibixxi "Villa Marni" proprjeta tal-istess Ludgard Gatt sabiex din tinkera lil Francis Turton illi fil-frattemp kien qed jokkupa b'titolu ta' kera "Villa Sant'Andrea" gia maghrufa bhala "The Swan", Munxar Road Xlendi wkoll proprjeta' ta' Ludgard Gatt illi kienet mikrija lil Francis Turton ;

Illi Ludgard Gatt gia kien ghamel skrittura privata ma' "Vacancies Gozo Limited" sabiex jikri lilhom "Viulla Sant'Andrea" kif appena din tigi vakata minn Francis Turton ;

Illi minhabba n-nuqqas ta' konsenja ta' din l-ghamara, Francis Turton kellu jibqa' jokkupa "Villa Sant'Andrea", stante illi "Villa Marni" ma kienetx abitabbli ;

Illi ghal daqstant ukoll Ludgard Gatt ma setghax iwettaq il-kirja illi hu tramite martu kien ftiehem fuqha ma' Vacancies Gozo Limited, u lanqas setgha jikri l-istess Villa Sant'Andrea lil terzi persuni privata fiz-zmien illi din kienet tkun vakanti ;

Illi ghaldaqstant l-istess Ludgard Gatt sofra danni ingenti konsistenti f'telf ta' uzu tal-proprjeta' tieghu minhabba n-nuqqas da parti tal-kumpannija attrici illi twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha .

Talbu lill-attur nomine jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi s-socjeta' "C. Fino & Sons Limited", naqset illi tadempixxi l-obbligi kuntrattwali minnha assunti bis-sahha tal-iskrittura tat-28 ta' Jannar, 1991, stante illi ma kkonsenjatx l-ghamara ordnata minghandha fiz-zmien stipulat, cioe' sal-ahhar ta' April, 1991 ;

2. Tiddikjara illi l-istess socjeta' hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Ludgard Gatt per konsegwenza tan-nuqqas taghha illi tadempixxi dawn l-obbligi fiz-zmien hekk stipulat ;

3. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawn id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

4. Tikkundanna lill-istess socjeta' "C. Fino & Sons Limited", thallas dawn id-danni kif likwidati .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Marzu, 1992, u tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu, 1992 kontra tieghek nomine .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjah .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Francis Turton .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine ghal din il-kontro-citazzjoni li permezz taghha eccepixxa illi :

1. Preliminarjament, in-nullita’ tal-Kontrotalba (i) peress illi l-kawza ma hijiex ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti ghax l-eccipjent nomine ma joqghodx Ghawdex ; u (ii) peress illi t-talbiet tal-Kontrotalba ma jaqghux taht l-istess kompetenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti izda jaqghu taht kompetenza kummercjali ; u (iii) peress il-konvenut rikonvenjent Ludgard Gatt la pprezenta l-Kontrotalba hu lanqas halef id-dikjarazzjoni ma’ l-istess Kontrotalba ; u (iv) peress illi t-talbiet rikonvenzjonali mhumiex konnessi skond kif jirrikjedi l-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 ;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut Ludgard Gatt peress illi mhux minnhu li Ludgard Gatt sofra danni, u semplicement istitwixxa dina l-Kontrotalba bhala pretest biex itawwal il-proceduri mehuda mill-eccipjent nomine u biex jipprova ma jhallasx il-prezz ta’ l-ghamar mibjugha lill-konvenut l-iehor Francis Turton, liema prezz kien gie garantit mill-konvenut Ludgard Gatt ;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, jekk Ludgard Gatt sofra xi danni ma ghandux jirrispondi ghalihom l-attur nomine rikonvenut ;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur nomine annessa ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet u konfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-attur nomine tat-8 ta' Ottubru 1992 fejn ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenut Francis Turton, filwaqt illi zammha ferm fil-konfront tal-konvenut l-iehor .

Rat is-sentenza preliminari taghha tas-16 ta' Ottubru 1997 .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar il-mertu .

Rat il-verbal taghha tat-30 ta’ Mejju 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .
Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti ohra pprezentati .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tac-citazzjoni tieghu l-attur nomine ghan-nom tas-socjeta' C. Fino & Sons Limited qed jitlob minghand il-konvenut Ludgard Gatt il-bilanc ta' prezz ta' kcina mibjugha u konsenjata lilu fis-sena 1991 . Il-konvenut qed jikkontendi li m'ghandu jaghti xejn lill-attur nomine, anzi jsostni li hija s-socjeta' minnu rapprezentata li ghandha taghtih minhabba dewmien fil-konsenja ta' l-istess kcina . Infatti l-istess konvenut ghamel il-kontro-talba tieghu fejn talab li l-attur jigi kkundannat ihallsu d-danni kkagunati b'dan id-dewmien .

L-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti llum hija superata minhabba c-cessjoni tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Turton . L-eccezzjonijiet preliminari ta' l-attur nomine ghall-kontro-talba tal-konvenuti gew michuda bis-sentenza *in parte* taghha hawn fuq imsemmija .

Rigward il-mertu tat-talbiet, jirrizulta inkontestat illi l-imsemmi Francis Turton f'Jannar tas-sena 1991 kien mar ghand is-socjeta' attrici u ordna kcina ghal post fix-Xlendi maghruf bhala "Villa Marni" proprjeta' tal-konvenut Gatt . Kien baghtu l-istess Gatt li halla f'idejh biex jaghzel kcina ghall-gosti tieghu, billi kellu l-hsieb li jikri dan il-fond ghar-residenza tieghu . Skond il-kuntratt il-kcina kellha tkun lesta f'April ta' l-istess sena[1], imma ma kienitx lesta fiz-zmien stipulat u kull darba li l-istess Turton jew Gatt kienu jcemplu jew jindagaw mod iehor x'kien gara, kienu jigu

[1] Ara dokti. HA2 u 3 a fol. 126 - 7 tal-process .

mwieghda li ser tkun lesta dalwaqt . Dan baqa' jigri sakemm il-kcina giet finalment konsenjata fil-post imsemmi fil-bidu ta' Lulju 1991 . Apparti l-kwistjoni tad-dewmien pero', fil-kors tal-gbir tal-provi u fin-noti ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut Gatt jaghmel hafna enfasi fuq l-allegazzjoni illi l-granit li tqieghed fuq il-wicc tal-bank tal-kcina ma kienx ta' l-istess kwalita' bhal dak li gie ordnat . Jilmenta wkoll illi l-mejda u erba' siggijiet li kien ordna flimkien mal-kcina qatt ma gew konsenjati, u minflok is-socjeta' attrici sellfitu, sabiex jiddobba biss, mejda u erba' siggijiet ohra li nfatti baqghu ghandu . Madankollu dawn l-ilmenti tan-nuqqas ta' kwalita' patwita u l-*exceptio inadempleti contractu*, ma tqajmux *in limine litis,* kif kellu d-dover jaghmel il-konvenut, gialadarba kien jaf bihom meta rcieva ic-citazzjoni . Ghalhekk, anke jekk il-konvenut jista' jkollu ragun dwarhom, la ma semmihomx fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, fejn illimita ruhu biss li jikkontesta t-talba ghall-hlas minhabba l-allegati danni kkagunati lilu, ma jista' jsir xejn f'dan ir-rigward .

F'tali cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn l-ilmenti ulterjuri u, minghajr pregudizzju ghad-danni li setghu gew ikkagunati lill-konvenut kawza tad-dewmin fil-konsenja, ma tarax ghalfejn m'ghandhiex tilqa' t-talba attrici . Mill-i*statement of Account* prezentat mill-attur nomine u li qatt ma gie kontestat mill-attur, jirrizulta illi l-prezz totali ghal din il-kcina kien ta' elf erba' mija tmienja u tmenin lira maltija (Lm1488) .[2] Minn dawn kien thallas *deposit* ta' erba' mitt lira (Lm400) l-ghada li saret l-ordni u ghalhekk baqa' bilanc ta' elf tmienja u tmenin lira maltija (Lm1088), li baqghu ma thallsux, precizament l-ammont reklamat fic-citazzjoni .

Fil-kontro-citazzjoni tieghu il-konvenut qieghed appuntu jirreklama d-danni allegatament ikkagunati lilu minhabba d-dewmien tas-socjeta' rapprezentata mill-attur nomine biex tikkonsenja l-kcina ordnata . Ghalkemm fil-kuntratt kien gie stipulat li din kellha tkun lesta f'April 1991, fil-fatt tqeghdet fil-post u finalment setghet tintuza biss ghall-

[2] Dok. HA 1 a fol. 125 .

habta ta' nofs ix-xahar ta' Lulju 1991.[3] Il-konvenut jippretendi li ghandu jigi kkumpensat ghat-telf ta' qliegh li sofra minhabba illi l-imsemmi Francis Turton ma setghax jikri minghandu dan il-post, kif kien miftiehem, u ghax baqa' jirrisjedi fil-"Villa San Andrea", proprjeta' ta' l-istess konvenut, tilef ukoll il-*bookings* li kellu ppjanati ghal dak is-sajf f'din il-villa .

Il-ligi taghna tistipola li d-debitur, anke jekk ma jkunx agixxa *in mala fede*, huwa tenut ihallas id-danni kkagunati minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet tieghu, sakemm ma jkunx hemm xi raguni li ma kellu ebda kontroll fuqha.[4] Dwar il-ksur ta' l-obbligi kontrattwali minhabba l-*mora* l-**Giorgi** jghallem illi :

"***Intendesi per mora, in senso lato, un ritardo del debitore nell'adempiere l'obbligazione (mora solvendi); oppure del creditore nel ricevere il pagamento (mora accipiendi) . Ma in senso proprio e giuridico s'intende per mora il solo ritardo colpevole, che non toglie la possibilita' dell'adempimento tardivo …. Ritardo colpevole vuol dire, che non dipende dal caso, e che non puo' essere giustificato da una presupposta tolleranza o annuenza della parte, a danno della quale avviene il ritardo …. In generale spetta a chi trovasi in mora, di escludere la propria colpa con idonee prove.***[5]

Fil-kaz in ezami x-xhieda prodotti mill-attur nomine ippruvaw jiggustifikaw id-dewmien taghhom bil-fatt illi l-post fejn kellha tigi nstallata din il-kcina ma kienx ghadu lest, u nfatti meta mar-rapprezentant taghhom biex jara fejn kellha titqieghed il-kcina, innota *socket* ta' l-elettriku li kien vicin wisq tas-*sink* u ssugerixxa li jitnehha . Issemma wkoll li kien hemm il-haddiema fil-post u anke materjal tal-bini quddiem il-bieb ta' barra[6] . Issemma wkoll minn wiehed mid-diretturi tas-socjeta' C. Fino & Sons Limited illi

---

[3] ara depozizzjoni ta' Francis Turton tal-24.4.1997 a fol. 66 .
[4] art.1133 Kap.16 .
[5] Teoria Delle Obligazioni nel Diritto Moderno Italiano : Firenze 1903 6 ta. ed. vol. II. para. 43, 44, pag. 69 – 72 .
[6] ara depozizzjoni Charles Gouder tat-30.5.2003 a fol. 252 – 265 .

d-dewmien kien kkagunat minhabba *delay* fl-importazzjoni ta' l-injam tat-tip *cherrywood* li minnu kellha tinhadem din il-kcina[7] . Madankollu ma jirrizultax illi meta l-konvenut jew Francis Turton kienu jilmentaw bid-dewmien dawn il-fatturi qatt gew rilevati lilhom, u anqas issemmew ebda problemi ohra . Anzi dejjem kienu jigu mwieghda li l-kcina ser tkun lesta dalwaqt . Kien f'Gunju 1991 biss illi ssemmiet ghall-ewwel darba li kien naqashom l-injam mehtieg[8] . Huwa minnu illi kif irrimarka s-sur Fino, fil-kuntratt relattiv kien hemm klawsola li torbot lill-klijent jaghti estensjoni ragonevoli f'kaz ta' dewmien fl-importazzjoni ta' l-injam jew ghal xi raguni ohra li l-kumpanija ma jkollha ebda kontroll fuqha[9] . Imma f'tali cirkostanzi l-Qorti ssibha difficli temmen dan it-tentattiv ta' gustifikazzjoni da parti ta' l-attur nomine . Kieku tassew kien hemm xi problema dwar in-nuqqas ta' dak it-tip ta' injam ordnat mill-klijent, din ir-raguni kienet tissemma mal-ewwel, u ma kienet tinghata ebda tama fierha lill-konvenut, li minkejja li baqa' ripetutament jinsisti fuq il-htiega li jkollu l-kcina lesta kemm jista' jkun malajr, baqa' jinghata assikurazjoni minn gimgha ghall-ohra, minghajr ma qatt nghatat ebda raguni ghal dan id-dewmien hlief proprju fl-ahhar x'hin il-kcina kienet waslet biex tigi konsenjata . Ir-responsabilita' ta' l-attur nomine ghad-danni kkagunati lill-konvenut giet ghalhekk ippruvata .

Jonqos biss li jigu kkwantifikati dawn id-danni . Gie ribadit mill-qrati taghna illi :

"*Meta jkun hemm ksur ta' kuntratt l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni . Dawn id-danni jistghu ikunu jew konvenzjonali jew gudizzjali ….. jekk id-danni ma jkunux pre-likwidati, min jitlob id-danni, irid jipprova t-telf li hu realment ikun sofra, u dan peress li d-danni jridu jkunu reali . Id-danni f'dan il-kaz, jigu likwidati mill-Qorti, u ghandhom ikollhom konnessjoni diretta mal-ksur invokat*."[10]

---

7 ara depozizzjoni Anthony Fino ta' l-1.10.1998 a fol. 113 – 123 .
8 ara xhieda ta' Francis Turton tal-24 .4.1997 gia ndikata .
9 klawsola (1) a tergo tad-Dok. HA. 2 fol. 126 .
10 Jun Lui et noe vs Salomo Ulrich noe. Prim'Awla : 3.10.2002 .

Fil-kaz taghna ma kien hemm l-ebda klawsola kuntrattwali li tiffissa xi danni f'kaz ta' dewmien . Dawn iridu ghalhekk jigu stabiliti mill-provi . Il-konvenut jippretendi illi jigi kkumpensat ghat-telf ta' qliegh li garrab minhabba li Francis Turton ma setghax joqghod f' "Villa Marni", minflok baqa' jirrisjedi f' "Villa San Andrea" b'kera iktar baxxa u b'hekk, apparti z-zieda sostanzjali fil-kera ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) tilef ukoll il-kirjiet li kellu bbukjati ghall-istagun tas-sajf ta' dik is-sena ghall-istess "Villa San Andrea".[11] Irrizulta minnu illi Turton baqa' qatt ma ttrasferixxa il-kirja ghal "Villa Marni", imma, apparti l-fatt li ma giet esebita ebda skrittura bhala evidenza li tassew kienet saret din il-kirja, lanqas ma giet spjegata r-raguni vera ghaliex, wara li finalment giet installata l-kcina l-gdida f' 'Villa Marni", Turton xorta pprefera li jibqa' jikri l-villa l-ohra u baqa' jaghmel hekk ghal zmien twil wara[12] . Zgur li t-tip ta' granit ma setghax kellu effett daqstant drastiku fuqu ! Ghalhekk fil-fehma taghha ma jista' jinghata ebda kumpens ghal din id-differenza fir-rata ta' kera li sofra l-konvenut, ghax Turton baqa' jirrisjedi f' "Villa San Andrea" .

Hemm imbaghad il-*bookings* li l-konvenut qal li kellu jirrifjuta minhabba li din il-villa baqghet okkupata minn Turton . Ludgward Gatt esebixxa zewg dokumenti li jindikaw illi huwa kien intrabat ma' agenzija turistika biex joffri din il-villa ghal diversi perijodi matul is-sena 1991 u l-1992[13] . Gie prodott ukoll certu George Grech li bhall-konvenut jikri l-proprjeta' lit-turisti, li kkonferma li fl-istagun tas-sajf tal-1991 intalab izomm fl-appartamenti tieghu xi turisti ghax Gatt ma kellux fejn jakkomodhom.[14] Pero' billi rrizulta li l-kcina kienet f'postha f'nofs Lulju 1991, u certament anke skond il-kuntratt ma' Fino, ma kienitx ser tkun lesta qabel l-ahhar ta' April 1991, it-telf ta' qliegh ma setghax kien ta' aktar minn xahrejn u nofs kiri . Kif intqal mill-qrati taghna :

---

[11] ara affidavit tal-konvenut tat-22.12.1999 a fol. 164 - 169, u dokumenti minnu esebiti : Dokti. LG. 1 sa LG. 5 a fol. 170 - 180 .
[12] ara xhieda ta' Francis Turton gia ndikata .
[13] dokti. LG. 4 u 5 a fol. 179 - 180 .
[14] ara xhieda ta' George Grech tat-18.10.2001 .

"*Fejn il-provi fir-rigward ta' l-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'xi kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji, l-ammont ghandu jigi ffissat* ***ex aequo et bono*** *mill-gudikant*."[15]

Fil-kaz in ezami l-konvenut wera li kien kapaci jdahhal minn mitt lira (Lm100) sa anke mija u sittin lira (Lm160) fil-gimgha ghall-kiri (*short let*) ta' "Villa San Andrea" f'dak l-istagun estiv .[16] Madankollu ma rrizultax kemm attwalment kellu *bookings* ghal dik il-villa, li ma setghax jaccetta minhabba li Turton baqa' jokkupaha . A tenur tal-gurisprudenza hawn iccitata u tenut kont li l-perijodu effettwat kien dak tas-sajf fejn normalment ikun hemm domanda tajba ghal dan it-tip ta' akkomodazzjoni turistika, l-Qorti qed tiffissa *arbitrio boni* viri s-somma ta' hames mitt lira maltija (Lm500), li jidhrilha li ghandha tkun adegwata sabiex taghmel tajjeb ghal dan it-telf ta' qliegh fil-*bookings* li kellu jirrifjuta l-konvenut, kagun tad-dewmien fid-*delivery* tal-kcina in kwistjoni .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi :

(i) fir-rigward tac-citazzjoni ta' l-attur nomine, billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Ludgward Gatt ihallas lill-istess attur nomine s-somma ta' elf u tmienja u tmenin lira maltija (Lm1088) rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar dovuta ghal kcina lilu mibjugha u konsenjata ; bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tal-21 u 29 ta' Frar 1992 u tat-18 ta' Marzu 1992 u tal-mandat ta' Impediment ta' safar kontra Persuna pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni; u bl-imghax legali mit-28 ta' Settembru 1991 sad-data tal-pagament effettiv; u

(ii) fir-rigward tal-kontro-talba, tilqa' l-istess u : tiddikjara illi s-socjeta' "C. Fino & Sons Limited" kif rapprezentata mill-attur nomine, naqset li tadempixxi l-obbligi kuntrattwali minnha assunti bis-sahha tal-iskrittura tat-28 ta' Jannar 1991, stante illi ma kkonsenjatx l-ghamara ordnata minghandha fiz-zmien stipulat, cioe' sa

[15] Charles Attard vs Carmela Frendo et.; Prim'Awla : 31.1.2003 .
[16] ara Dok. LG. 4 gia ndikat .

l-ahhar ta' April 1991; tiddikjara illi l-istess socjeta' kif rapprezentata hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti minn Ludgard Gatt per konsegwenza tan-nuqqas taghha li tadempixxi dawn l-obbligi fiz-zmien hekk stipulat; tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' hames mitt lira maltija (Lm500) u tikkundanna lill-attur nomine sabiex ihallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati; bl-ispejjez ta' din il-kontro-talba, inkluzi dawk tas-sentenza preliminari taghha tas-16 ta' Ottubru 1997, ta' l-ittra nterpellatorja tat-23 ta' Marzu 1992 u ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 1992 kontra l-istess attur nomine.
S5392Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------